Minuti tal-laqgħa numru sitta u sebgħin (76) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

Nota: Il-laqgħa inżammet ġimgħa wara l-appuntament miftiehem fl-aħħar seduta minħabba li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab posponiment.

Preżenti: Is-Sur Sandro Craus — Sindku
Is-Sur Matthew Chetcuti — Viċi Sindku
Is-Sur Christopher Farrugia — Kunsillier
Is-Sur Kris Grech — Kunsilllier
Is-Sa Janice Busuttil — Kunsillier
Is-Sur Nazju Cassar — Kunsillier
Is-Sur Rudolph Grima — Kunsillier
Is-Sur Norbert Grech — Kunsillier
Is-Sur Anthony Bonello — Segretarju Eżekuttiv (SE)

Skużata: Is-Sa Doris Coleiro — Kunsillier

| | | |
|---|---|---|
| 76.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba tal-bidu flimkien. Is-SE qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sa Doris Coleiro u din ġiet aċċettata unanimament mil-kunsillieri kollha. | Presendenza u Ittra ta' apoloġija. |
| 76.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru ħamsa u sebgħin (75)**<br>Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda b'moqrija u dawn kienu mpoġġija għall-vot mis-Sindku, s-Sur Sandro Caus u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u approvati b'vot unanimu. | Minuti tal-laqgħa numru 75 |
| 76.02.01 | B'riferenza għal punt 75.04.11, is-Sur Matthew Chetcuti staqsa lis-SE jekk it-talba tar-*road markings (give ways)* li kien għamel fis-seduta preċedenti fl-inħawi tal-Fortizza ta' Binġemma kienetx saret. Is-SE se jiċċekkja mat-tliet handymen li għandna jekk sarux. | *Give Ways* f'Binġemma |
| 76.02.02 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, tkellem fuq il-*launch* tal-Van elettriku tal-Kunsill biex issa inagħqad mal-flotta eżistenti tas-*Silver T.* Ippropona li nagħmlu *leaflet* ieħor biex nippromwovu issa dan il-proġett u fuq kollox in-numru tal-kuntatt u wkoll biex kunsill ġdid jaħdem biex jixtri vann ieħor għall-ġarr tal-anzjani u li dan ikun bit-*tail lift* biex jakkomoda wkoll persuni b'diżabilità. | Van tas-Silver T |
| 76.02.03 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq l-edizzjoni tar-Rabat Sacrum 2024. Hu qal li bdejna niltaqgħu biex ikun hemm tħejjija tajba minn qabel minkejja li għadna ma nafux | Rabat Sacrum 2024 |

| | | |
|---|---|---|
| | jekk hux se nikkwalifikaw minn din l-iskema li kien ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex ningħataw re-imbors. | |
| 76.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 358 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 77**<br><br>Kienu approvati ċ-ċedola tal-pagamenti numru 358 u lista tal-*Works/Purchases Order* numru 77. | Ċedoli tal-pagamenti u x-xogħlijiet/xiri |
| 76.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** | |
| 76.04.01 | Is-Sur Nazju Cassar talab l-approvazzjoni tat-tindif u ħrit u taħwil ta' siġra taċ-ċipress f'zona fi Triq il-Ġarġir quddiem ir-razzett tal-Qamma biex jagħmilha l-kuntrattur tal-KLR, is-Sur Charles Skunju għal spiża extra ta' €350. | Tindif ta' zona u taħwil ta' siġra |
| 76.04.02 | Is-Sa Janice Busuttil staqsiet jekk il-KLR hux se jisponsorja l-infjorata ta' Corpus Christie ta' din is-sena. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi issa jrid ikun Kunsill ġdid li japprova din it-talba. | Infjorata |
| 76.05 | **Audited Financial Statements 2023**<br>Dawn kienu imressqa għall-vot mis-Sindku, s-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Matthew Chetcuti u approvati unanimament. | AFS ye 2023 |
| 76.06 | **Isem ġdid għal triq fl-Għemieri**<br>L-isem il-ġdid 'Triq il-Kampanja' kien aċċettat mil-Kunsill kif propost minn residenta li toqgħod f'dan is-sit. Din il-proposta trid tgħaddi għand il-kumitat għat-Tismija tat-Toroq għall-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. | Triq il-Kampanja – fl-Għemieri |
| 76.07 | **Post mortem - Inawgurar uffiċjali tar-restawr tan-Niċċa ta' San Pawl**<br>Dwar l-inawgurazzjoni uffiċjali tar-restawr tan-Niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus kellu kliem ta' tifħir għax-xogħlijiet li saru mid-ditta Agius Stone Works. Is-serata tal-inawgurazzjoni bil-banda L'Isle Adam, peress li dawn huma allaċċjati mal-Arċikonfraternità li t-titlu tan-niċċa jappartjeni lilhom, kienet waħda impekkabbli. Kien apprezzat ferm il-kontribut kbir ta' Komunità Malta li se jkunu qed jiffinanzjaw dan ix-xogħol li sewa €70,000 | Niċċa ta' San Pawl |
| 76.08 | **Ftuħ Uffiċjali tat-Tisbiħ ta' Ġnien Patri Martin Caruana f'Misraħ San Duminku - Programm tal-Interreg**<br>Kien hemm diskussjoni dwar ix-xogħlijiet li saru fi Ġnien San Duminku li kien inawgurat is-Sibt, 25 ta' Mejju. F'dan il-ġnien twaħħlu għoxrin lanterna, 9 *cctv cameras*, 5 tankijiet tal-ilma, 18-il bank bit-tinda, 2 *dog bins* u jonqos ir-*recycled bins*. Sadanittant is-sistema tal-pajpijiet tal-ilma għadha qed tiġi installata u bdew it-taħditiet ma' *Project Green* biex jiffinanzjaw il-*landscaping*. Id-diskussjoni indirizzat it-tabelli tal-klieb biex dawn ma jidħlux fil-ħamrija u l-importanza li jitwaħħlu dawk li juru li hemm is-cctv.<br><br>Intant is-Sur Nazju Cassar filwaqt li rringrazzja lill-KLR talli rrestawra l-konkos tal-partijiet li biha hi kostruwita t-*telefon box* ta' żmien ir-Reġina Vittorja fl-istess sit, qal illi din għandha tingħalaq bil-bieba kif kienet u esebixxa ritratt tagħha fuq it-telefon ċellulari tiegħu u ssuġġerixxa li f'din il-kabina titpoġġa id-*defibrillator.* | GIFLUID – Interreg Italia - Malta |

| | | |
|---|---|---|
| 76.09 | **Ftuħ uffiċjali tar-Refurbishing tal-Binja tal-Kunsill**<br>Dwar il-Binja tal-kunsill is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi issa hemm l-aperturi imwaħħlin, il-gallariji se jeħlu għada, l-lift qed jaħdem, il-madum u kmamar tal-banju twaħħlu, il-faċċata tkaħħlet, bħalissa qed jeħlu d-dwal fil-kmamar u l-kuriduri. Intant, is-Sur Matthew Chetcuti, il-Viċi Sindku, staqsa kif se taħdem il-PABX u fil-laqgħa ikkonsulta mas-Sur Norbert Grech. Is-SE qal illi diġa' twaħħlu l-*points* biswit l-iskrivaniji minkejja li jifhem l-argument tas-Sur Chetcuti illi jrid ikun hemm żewġ *connections* għall-internet u għat-telefon.<br><br>Is-Sur Nazju Cassar tkellem fuq id-dewmien fix-xogħol, u qal li hemm il-penali li jrid jinfurzahom il-Kunsill. Intant is-SE qal li ħafna minn dan id-dewmien kien fl-extra over/varjazzjonijiet li kien hemm fil-pjani oriġinali. Per eżempju id-deċiżjoni biex flok il-partitions mal-ħitan dawn jitnaddfu u jsir kullimkien fuq il-fil. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-bdil tas-soqfa kollha minbarra dak tal-uffiċċju tas-SE, li oriġinalment ma kienux se jintmessu, iżda sibna li t-travi kienu misjurin u kellna nibdluhom. | Kunsill Lokali tar-Rabat |
| 76.10 | **Skema taħwil ta' siġar taċ-ċitru u taż-żebbuġ - għażla tas-sit**<br>Din l-iskema kienet diskussa iżda s-sit ma ntagħżilx. L-akbar sfida hija li s-siġar taċ-ċitru jridu ħafna ilma, kura u kenn u ir-rimbors ta' €10 għal kull siġra li mhux rejali. Dejjem irid ikun suġġerit illi dawn jitħawwlu f'postijiet li jilħaqhom l-irrigazzjoni awtomatika. | Skema siġar taċ-ċitru u ż-żebbuġ |
| 76.11 | **Iffirmar ta' MOU mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi**<br>Dan l-MOU kien iffirmat fil-ġimgħat li għaddew flimkien ma Kunsilli oħra f'attività li saret fl-MCC fil-preżenza tal-Prim Ministru. B'dan l-MOU, l-KLR se jkun jista' jissottometti talba permezz ta' stima tal-Perit tiegħu u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, jwettqu l-manutenzjoni ta' bankini, patching u ħitan tal-kantun (mhux sejjiegħ) | MOU mal-PWD |
| 76.12 | **Riżoluzzjoni - Bdil tas-sit (Skema SPI/SCI/5/2023 minn Vjal Santu Wistin għal Misraħ Anton Agius**<br>Ir-riżoluzzjoni mressqa mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus biex nibdlu s-sit għall-iskema fuq imsemmija kienet issekondata mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u din kienet approvata unanimament. Għaldaqstant se nkunu qed ninfurmaw lid-Dipartiment li s-sit se jinbidel minn Triq Santu Wistin għall-parkeġġ ta' Wesgħet Anton Agius. | SPI/SCI/5/23 |
| 76.13 | **Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart 2024**<br>Kien imressaq għall-vot ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondat mil-Viċi Sindku is-Sur Matthew Chetcuti u dan għadda b'vot unanimu. | Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart |
| 76.14 | **Talba għal kumpens minħabba aċċident fi Vjal il-Ħaddiem nhar id-29 ta' Novembru 2023**<br>Ma kienetx ittrattata f'din l-agenda | Inċident fi Vjal il-Ħaddiem |
| * | Fis-6.40pm telqet is-Sa Janice Busuttil u daħal is-Sur Rudolph Grima | |
| 76.15 | **Talba għal Qlib tal-arloġġ tad-dawl u l-ilma tal-proġett ta' Għeriexem minn għand Infrastruttura Malta**<br>Kien hemm qbil unanimu sabiex l-arloġġ tal-ilma li hemm fil-Belveder t'Għeriexem jinqaleb minn fuq Infrastruttura Malta għal fuq il-Kunsill Lokali tar-Rabat. Apparentement l-ilma qed jintuża għat-tisqija tas-siġar li kienu ħawwlu l-istess Infrastruttura Malta, minkejja li s-SE qal li ma jafx fejn hu installat dan il-meter. Kien hemm diskussjon dwar jekk Triq Għeriexem hix tal-Kunsill jew ta' Transport Malta. Is-SE tella' fuq l-iscreen il-lista tat-toroq arterji u din mhix inkluża magħhom. | Arloġġ tal-Ilma f'Għeriexem |
| 76.16 | **Propost MOU mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp dwar il-manutenzjoni tan-Niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja.** | Propost MOU |

| | | |
|---|---|---|
| | L-MOU propost mill-Arċikonfraternità jittratta l-manutenzjoni tal-binja u tad-dawl tan-niċċa fuq imsemmija - bażikament biex jiffinanzjah il-KLR li m'għandux titlu fuq l-istess niċċa. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi inħass il-bżonn illi wara li sar ir-restawr, nibqgħu nieħdu ħsieb dan il-ġojjell, li jkun ħasra li nħalluh jitmermer. Is-Sur Rudolph Grima kien tal-parir illi qabel ma niffirmaw dan l-MOU għandna naraw jekk hux se jinħoloq xi preċedent. Hu żied jgħid illi għada pitgħada entitajiet oħra li għandhom titlu fuq xi monument, u li jkun twettaq fuqu ir-restawr mil-Kunsill, se jkun impossibbli li ngħidulhom le. Normalment manutenzjoni tas-sit tiffinanzjaha l-entità li jkun fuq isimha. Għaldaqstant se nieħdu parir fuq dan il-punt legali qabel ma naqbdu u nieħdu deċiżjoni u ngħabbu lil kunsill ġdid b'responsabbiltà li mhix tiegħu. Hawn is-SE tella' l-parti tal-liġi li tgħid x'inhi l-funzjoni ta' Kunsill Lokali, filwaqt li s-Sur Chris Farrugia qal li għandha tinħoloq *policy* komuni u ħolistika għall-entitajiet kollha. | |
| 76.17 | **Talba biex il-librerija pubblika tar-Rabat tieħu mis-supply tal-ilma tal-kaskata tal-Kunsill (Misraħ il-Parroċċa)**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel unanimament illi l-librerija tar-Rabat tieħu l-ilma minn fuq l-arloġġ tal-Kunsill u dan ikun imkejjel b'*sub meter* apposta li jinqara regolarment mill-istess librar biex ikun kwantifikat. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jaqta' l-provista għad-diskrezzjoni tiegħu bi pri-avviż ta' ġimgħatejn. | Ilma tal-librerija |
| 76.18 | **Vot ta' ringrazzjament fi tmiem il-leġislatura**<br>Fi tmiem il-leġislatura, is-Sur Sandro Craus irringrazzja lil kulħadd b'mod speċjali lil dawk il-kunsillieri li mhux se jerġgħu jikkontestaw l-elezzjoni tat-8 ta' Ġunju, 2024. | Vot ta' ringrazzjament |
| 76.19 | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss li se jkunu ikkonfermati l-minuti ta' din il-laqgħa**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat aġġorna fid-9.00pm u l-laqgħa li jmiss se ssir nhar id-19 ta' Mejju, 2024 fis-6.00pm. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 19 ta' Ġunju 2024 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku